MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2012

Rikors Numru. 63/2012/1

**Michael Caruana (I.D. numru 535764M) u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Jackob Caruana, u b`digriet tas-6 ta` Awissu 2012 gie nominat Michael Caruana bhala kuratur *ad litem* tal-minuri Jackob Caruana, limitatament ghal din il-procedura**

***kontra***

**L-Avukat Generali u Direttur Tad-Dipartament Ghal Standards Fil-Harsien Socjali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors b`urgenza prezentat fit-3 ta` Awissu 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell permezz ta` sentenza fl-ismijiet 'Direttur tad-Dipartiment Ghal-Standards Fil-Harsien Socjali vs Michael Caruana' (Rik Generali Nru15/2012) moghtija fit-3 ta` Awissu 2012 ordnat ir-ritorn tal-minuri Jackob Caruana lejn il-Polonja ;*

*2. Illi giet intavolata procedura kostituzzjonali fl-ismijiet 'Michael Caruana u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil minuri Jackob Caruana vs L-Avukat Generali u d-Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali' fejn intalab dikjarazzjoni ta` lezjoni ta` smigh xieraq, ghad-dritt ghall-hajja tal-familja, u d-dritt ta` rimedju effettiv fil-kuntest tal-procedura quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) peress illi din cahdet talba ta` nomina ta` espert psikjatra ;*

*3. Illi l-esponent jidhirlu illi pendenti d-definizjoni ta` din il-procedura ghandu jinghata interim order minn din l-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali u rimedju provizorju fis-sens illi biex tigi zgurata l-utilita` u l-effettivita` ta` rimedju eventwali kostituzzjonali, din l-ordni ta` rimpatriju ghandha tigi sospiza ;*

*4. Illi huwa umilment sottomess illi jekk ser jirrizulta li l-process ikun vizzjat il-preponderanza ta` beneficcju u utilita` anke tal-minuri jipprevali fuq kwalunkwe pretensjoni jew interess tal-partijiet personalment ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti interim order u tordna s-sospensjoni ta` l-ordni ta` rimpatrijar deciza finalment b`sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tat-3 ta` Awissu u dan taht dawk il-provvedimenti li jidrulha xierqa u opportuni..*

Rat id-digriet taghha moghti fit-3 ta` Awissu 2012, fejn laqghet it-talba provizorjament, fejn ordnat in-notifika mmedjata tar-rikors u tad-digriet lill-kontroparti bi zmien sat-08.30 a.m. tas-6 ta` Awissu 2012 biex tipprezenta risposta, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-6 ta` Awissu 2012 fl-10.00 a.m.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta` Awissu 2012, sar verbal fis-sens illi provvediment finali dwar ir-rikors odjern kellu jistenna l-esitu tal-kawza fl-ismijiet *Michael Caruana (I.D. numru 535764M) u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Jackob Caruana, u b`digriet tas-6 ta` Awissu 2012 gie nominat Michael Caruana bhala kuratur ad litem tal-minuri Jackob Caruana, limitatament ghal din il-procedura kontra L-Avukat Generali u Direttur tad-Dipartament Ghal Standards Fil-Harsien Socjali* (Rikors Nru.63/12) pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi fis-7 ta` Awissu 2012, wara li nstemghu u ngabru l-provi, u saru s-sottomissjonijiet finali, il-kawza fl-ismijiet *Michael Caruana (I.D. numru 535764M) u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Jackob Caruana, u b`digriet tas-6 ta` Awissu 2012 gie nominat Michael Caruana bhala kuratur ad litem tal-minuri Jackob Caruana, limitatament ghal din il-procedura kontra L-Avukat Generali u Direttur tad-Dipartament Ghal Standards Fil-Harsien Socjali* (Rikors Nru.63/12) thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tas-17 ta` Awissu 2012.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta` Awissu 2012, anke dan il-procediment thalla ghall-provvediment ghall-udjenza tas-17 ta` Awissu 2012.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta` Awissu 2012 fejn wara li l-kawza fl-ismijiet *Michael Caruana (I.D. numru 535764M) u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Jackob Caruana, u b`digriet tas-6 ta` Awissu 2012 gie nominat Michael Caruana bhala kuratur ad litem tal-*

*minuri Jackob Caruana, limitatament ghal din il-procedura kontra L-Avukat Generali u Direttur tad-Dipartament Ghal Standards Fil-Harsien Socjali* (Rikors Nru.63/12) kienet rikjamata ghal-lum sabiex is-sentenza tinghata llum minflok fl-udjenza tas-17 ta` Awissu 2012, anke l-procediment tal-lum kien rikjamat ghal-lum biex il-provvediment jinghata llum minflok fl-udjenza tas-17 ta` Awissu 2012.

Rat is-sentenza taghha moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet *Michael Caruana (I.D. numru 535764M) u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Jackob Caruana, u b`digriet tas-6 ta` Awissu 2012 gie nominat Michael Caruana bhala kuratur ad litem tal-minuri Jackob Caruana, limitatament ghal din il-procedura kontra L-Avukat Generali u Direttur tad-Dipartament Ghal Standards Fil-Harsien Socjali* (Rikors Nru.63/12) thalliet ghas-sentenza ghall-udjenza tas-17 ta` Awissu 2012.

Billi in vista tal-esitu ta` dik is-sentenza, din il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx aktar lok u lanqas ma huwa gustifikat illi jkun *interim order* biex izomm ir-rimpatrijar tal-minuri Jackob Caruana.

**Ghalhekk qeghda fl-ewwel lok, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-3 ta` Awissu 2012 fejn kienet laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors tal-lum, u fit-tieni lok qeghda tichad it-talba tar-rikorrent kif dedotta fl-istess rikors, spejjez ghar-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------